MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Avviz Numru. 1058/1999/1

**Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Telecell Limited**

**Vs**

**William Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine s-somma ta' seba' mija u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sittin centezmi (Lm720.62) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-14 ta' Jannar 1997 sas-7 ta' Jannar 1998, oltre l-imghax fuq l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 29 ta' Jannar 1998 u tal-ittra ufficjali ta' Jannar 1998 u bl-imghax legali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa :-

1. Fil-fatt, din l-eccezzjoni qed tigi proposta mill-Avukat Dr J Brincat peress li l-konvenut kien mentalment inkapaci li jikkontratta, u dan minhabba l-istat ta' sahha tieghu, kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, b'referenza ghall-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut, xehed, f'diversi okkazzjonijiet l-istess konvenut (fol 31 u fol 37). Minn din ix-xhieda ghandu jigi notat li hu 'Meta xtrajt il-mobile ….. kont fi stat tajjeb'. Hu kompla jghid '…..li kont fi stat tajjeb meta ffirmajt il-kuntratt ghas-servizz in kwistjoni'.

Ikkunsidrat

Illi gie prodott it-Tabib konsulent Dottor Mario Vassallo (fol 28 et seq ibid) it-tabib kuranti tal-konvenut. Dan ix-xhud specifika li l-istess konvenut kien qed jbati minn 'Ulcerativecolitis' ossija infjammazzjoni fis-sistema digestiv u ghalhekk kien inghata medikazzjoni konsistenti fi sterojdi. L-istess Tabib semma' li f'dan il-kaz '….. rajt li ma kien hemm ebda 'side effects' 'waqt li semma li tali medikazzjoni jista' jkollha effetti kolaterali psikologici anke psikosi izda l-iktar, fix-xjuh (ara ukoll fol 13 sa fol 19 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, din il-Qorti ma tarax kif tista' tigi akkolta l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u filfatt jidher car li

dan ma jinkwadrax ruhu f'dak li jistipulaw l-artikoli 967 u 968 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi jigi sottolineat illi din il-Qorti hadet l-impressjoni fondata li trattasi ta' kaz ta' uzu irresponsabbli ta' telefon cellulari da parti tal-konvenut, li certament ma jammontax ghal xi inkapacita' mentali li teffettwa, b'mod gravi u sostanzjali, l-kapacita ta' persuna li tissottometti ruhha ghal-obbligazzjonijiet kontrattwali.

Ikkunsidrat

Illi l-attur nomine (fol 35 ibid) ikkonferma li l-ammont indikat fl-avviz kien u ghadu dovut mill-konvenut ghall-perijodu mill-14 ta' Jannar 1997 sas-7 ta' Jannar 1998. Ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm720.62,0 bl-imghax legali mill-31 ta' Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Jannar 1998 u ta' dik ufficjali presentata matul Jannar 1998. Hawnhekk il-Qorti qed tirrakomanda lill-attur nomine sabiex jidhol fi trattativi mal-konvenut in rigward ftehim dwar dilazjoni fil-pagament tas-somma dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------